# AVVIŻ TA' POST BATTAL GĦALL-ĦOLQIEN TA' LISTA TA' RIŻERVA

| | |
|---|---|
| **Titolu tal-impjieg** | **Uffiċjal Legali** |
| **Grupp tal-funzjoni/grad** | AD 6 |
| **Tip ta' kuntratt** | Aġent Temporanju |
| **Referenza** | FRA-TA-LEGOFF-AD6-2021 |
| **Skadenza għall-applikazzjonijiet** | 06/04/2021 13:00 (CET) |
| **Post tal-impjieg** | Vjenna, L-AWSTRIJA |

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) qed torganizza proċedura tal-għażla sabiex toħloq lista ta' riżerva li minnha jimtlew il-kariga(i) vakanti ta' Uffiċjal Legali Amministratur (R/M) (grupp ta' funzjoni AD, grad 6) fl-Unità tas-Servizzi Korporattivi.

## 1 SFOND

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) tgħin lil dawk li jfasslu l-politika jifhmu kif jistgħu jagħmlu aktar għaċ-ċittadini tagħhom. Hija tikkondividi l-għarfien u tqajjem kuxjenza dwar id-drittijiet fil-livell tal-UE, nazzjonali u lokali. Dan tagħmlu billi tiġbor u tanalizza l-liġi u d-*data*; billi tipprovdi pariri indipendenti u bbażati fuq l-evidenza dwar id-drittijiet; tidentifika x-xejriet billi tiġbor u tanalizza *data* komparabbli; tgħin fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-liġi aħjar; tappoġġa reazzjonijiet ta' politika konformi mad-drittijiet u ssaħħaħ il-kooperazzjoni u r-rabtiet bejn l-atturi tad-drittijiet fundamentali.

**<u>L-Unità tas-Servizzi Korporattivi</u>**

L-Unità tas-Servizzi Korporattivi hija responsabbli biex tappoġġa l-ħidma operazzjonali tal-Aġenzija biex ittejjeb il-kapaċità tagħha li tiffunzjona bħala korp pubbliku tal-aħjar prattika, ibbażat fuq l-għarfien, ħafif u orjentat lejn is-servizz. L-Unità tas-Servizzi Korporattivi hija magħmula mill-oqsma tan-negozju li ġejjin: L-Ippjanar, il-Finanzi u l-Kuntratti, is-Servizzi u l-Faċilitajiet Diġitali, is-Servizzi Legali, ir-Riżorsi Umani u l-Ġestjoni tal-Kwalità.

## 2 DMIRIJIET

Il-kandidat magħżul se jkun mistenni jwettaq il-kompiti li ġejjin:

- Jipprovdi parir legali dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tar-Regolamenti Finanzjarji tal-UE (RF), inkluż dwar il-proċessi baġitarji, finanzjarji u tal-akkwist;
- Jipprovdi parir legali dwar kwistjonijiet relatati mar-Regolamenti tal-Persunal (RP) u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea (CEOS);
- Imexxi r-rappreżentanza tal-Aġenzija fil-Qorti u/jew jipprovdi għarfien espert tekniku f'każijiet imressqa mill-persunal tiegħu jew partijiet esterni, inkluż l-abbozzar ta' tweġibiet u dokumenti proċedurali oħra u l-attendenza għal seduti orali;

- Jipprepara abbozzi u/jew jipprovdi parir legali dwar deċiżjonijiet u regoli li jimplimentaw ir-RF, ir-RP u s-CEOS;
- Jabbozza u jippreżenta opinjonijiet legali, sommarji, rapporti u korrispondenza dwar kwalunkwe kwistjoni legali msemmija għall-konsiderazzjoni;
- Jipprovdi parir legali dwar kwistjonijiet legali li jinqalgħu b'rabta mal-protezzjoni tad-*data* personali u l-aċċess għad-dokumenti.

**Dmirijiet applikabbli għall-persunal kollu:**

- Jaħdem b'mod attiv lejn il-kisba tal-għanijiet tal-FRA f'konformità mal-Pjan Strateġiku;
- Iwettaq kwalunkwe dmir u responsabbiltà oħra relatati max-xogħol li jistgħu jiġu assenjati mill-Kap tal-Unità.

## 3 KRITERJI TA' ELIĠIBBILTÀ

Sabiex ikunu ammissibbli għal din l-għażla, il-kandidati jeħtiġilhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin sa mhux aktar tard mill-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet:

**Kundizzjonijiet ġenerali**[1]

- Ikunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;
- Ikunu intitolati għad-drittijiet kollha tiegħu jew tagħha bħala ċittadin/a[2] ;
- Ikunu ssodisfaw kwalunkwe obbligu impost mil-liġijiet dwar is-servizz militari;
- Jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-karattru dwar l-adegwatezza għat-twettiq tad-dmirijiet involuti;
- Ikunu fiżikament b'saħħithom sabiex iwettqu d-dmirijiet relatati mal-kariga[3].

**Edukazzjoni**

- Ikollhom livell ta' edukazzjoni, li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' mill-inqas erba' snin iċċertifikati b'diploma fil-liġi[4],

JEW

- Ikollhom livell ta' edukazzjoni, li jikkorrispondi għal studji universitarji konklużi ta' mill-inqas tliet snin attestati b'diploma fil-liġi u esperjenza professjonali ta' mill-inqas sena.

**Esperjenza professjonali**

- Minbarra dan ta' hawn fuq, ikollhom minimu ta' 6 snin esperjenza professjonali full-time fi kwistjonijiet legali.

[1] Ara l-Artikolu 12 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.
[2] Qabel il-ħatra, l-applikanti magħżula ser jintalbu jipproduċu dokument uffiċjali li juri li ma għandhom l-ebda rekord kriminali.
[3] Qabel il-ħatra, l-applikanti magħżula sejrin jintalbu jagħmlu eżami mediku biex jiġi żgurat li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 12(2)(d) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Komunitajiet Ewropej.
[4] Se jiġu kkunsidrati biss id-diplomi u ċ-ċertifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li huma s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġin mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija. F'każ li jkun inħareġ ċertifikat ta' ekwivalenza, dan għandu jkun sar ukoll sal-iskadenza għall-applikazzjoni.

**Ħiliet lingwistiċi**

- Għarfien tajjeb tal-Ingliż (livell minimu C1) u
- Ikollhom għarfien tajjeb ta' lingwa oħra tal-UE (livell minimu B2).
  Il-livelli indikati jikkorrispondu mal-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi[5].

**Ħiliet tal-kompjuter**

- Il-kandidati għandu jkollhom esperjenza prattika estensiva b'applikazzjonijiet tal-kompjuter bħall-pakkett MS Office jew simili (prinċipalment Word, Excel, PowerPoint, Outlook), bażijiet tad-*data* (fil-livell tal-utent) u riċerka fuq l-Internet.

## 4 KRITERJI TAL-GĦAŻLA

Sabiex jintgħażlu l-aħjar kandidati kwalifikati għall-intervista u l-fażi possibbli tat-test, l-Aġenzija se tqis il-kriterji **essenzjali** li ġejjin:

- Esperjenza ta' xogħol mar-Regoli Finanzjarji, u b'mod partikolari r-regoli dwar l-akkwist pubbliku u l-oqfsa legali;
- Esperjenza ta' xogħol b'regolamenti tal-persunal u l-liġi tax-xogħol u tal-impjiegi applikabbli fit-territorju tal-Unjoni Ewropea (jiġifieri fil-livell ta' Stat Membru jew fl-UE kollha);
- Esperjenza fl-abbozzar ta' dokumenti kumplessi bħal opinjonijiet legali, noti kunċettwali, regoli, deċiżjonijiet, fajls ta' qabel il-litigazzjoni/litigazzjoni;
- Esperjenza fl-għoti ta' pariri legali dwar kwistjonijiet marbuta mal-protezzjoni tad-*data* u l-aċċess għad-dokumenti.

Il-kriterji li ġejjin se jitqiesu bħala **vantaġġużi**:

- Għarfien tajjeb u esperjenza ta' xogħol mar-Regoli Finanzjarji u r-Regolamenti tal-Persunal tal-UE;
- Għarfien tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.
- Esperjenza ta' xogħol f'ambjent multikulturali/multilingwi;
- Għarfien tajjeb kemm tal-Franċiż miktub kif ukoll dak mitkellem (livell minimu B2).

Minbarra l-kriterji **essenzjali u vantaġġużi**, il-kandidati mistiedna għall-intervista u għall-fażi tal-ittestjar se jiġu vvalutati wkoll skont ir-rekwiżiti li ġejjin:

- **Komunikazzjoni**: jikkomunikaw b'mod ċar u preċiż kemm bil-kliem kif ukoll bil-kitba;
- **Analiżi u Solvien tal-problemi**: il-kapaċità li jidentifikaw il-fatti kritiċi fi kwistjonijiet kumplessi u jiżviluppaw soluzzjonijiet kreattivi u prattiċi;
- **Ħidma mal-Oħrajn**: jaħdmu b'mod kooperattiv ma' oħrajn f'timijiet u bejn konfini organizzattivi u jirrispettaw id-differenzi bejn in-nies; joħolqu sens ta' spirtu ta' tim billi jħeġġu miri kondiviżi u skambju ta' għarfien u esperjenza;

[5] Ara https://europass.cedefop.europa.eu/sites/default/files/cefr-mt.pdf

- **Tagħlim u Żvilupp**: jiżviluppaw u jtejbu l-ħiliet personali u l-għarfien tal-organizzazzjoni u tal-ambjent tagħha; jimpenjaw ruħhom li jħarrġu lil persuni oħrajn, jikkondividu l-għarfien u jtejbu b'mod sistematiku l-metodi ta' ħidma;
- **Prijoritizzazzjoni u Organizzazzjoni**: l-abbiltà li jipprijoritizzaw il-kompiti l-aktar importanti, jaħdmu b'mod flessibbli u jorganizzaw l-ammont ta' xogħol tagħhom stess u tal-oħrajn b'mod effiċjenti;
- **Kwalità u Riżultati**: jieħdu responsabbiltà personali u inizjattiva biex jipprovdu xogħol ta' standard ta' kwalità għolja skont proċeduri stabbiliti; juru orjentazzjoni ċara lejn il-konsumatur (interna u esterna); jibnu proċessi sistematiċi u metodiċi fil-proġetti u fil-ħidma tagħhom u tat-tim tagħhom;
- **Reżiljenza**: jibqgħu effettivi taħt il-pressjoni tax-xogħol, ikunu flessibbli u jadattaw għal ambjent tax-xogħol li dejjem jinbidel; iħeġġu lill-oħrajn sabiex jagħmlu l-istess u jaġġustaw l-approċċ personali tagħhom u tat-tim sabiex iħaddnu ċ-ċirkostanzi li dejjem jinbidlu.

## 5 SOTTOMISSJONI TA' APPLIKAZZJONIJIET U SKADENZA

Il-kandidati huma mitluba jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom b'mod elettroniku permezz tas-sit web tal-Aġenzija: fra.europa.eu. **Applikazzjonijiet online biss ser jiġu aċċettati.**

Applikazzjoni titqies ammissibbli biss jekk tinkludi:

- CV f'format tal-Europass (formati oħrajn mhumiex ser jiġu kkunsidrati);
- ittra ta' motivazzjoni (preferibbilment mhux itwal minn paġna);
- applikazzjoni elettronika kompluta.

Informazzjoni rigward l-istatus tal-proċedura tal-għażla tista' tinstab fl-indirizz li ġej: http://fra.europa.eu/en/about-fra/recruitment/vacancies.

F'każ li tesperjenza problemi tekniċi matul l-applikazzjoni tiegħek, jekk jogħġbok ikkuntattja, fi ħdan l-iskadenza msemmija hawn fuq, l-indirizz elettroniku t'hawn taħt billi tipprovdi spjegazzjoni tal-kwistjoni: recruitment@fra.europa.eu.

L-applikazzjonijiet iridu jintbagħtu mhux aktar tard mill-**06/04/2021 fis-13:00** (Ħin tal-Ewropa Ċentrali (CET)).

**Jekk jogħġbok kun af li minħabba n-numru kbir ta' applikazzjonijiet li nirċievu, is-sistema tista' ġġarrab problemi fl-ipproċessar ta' dawk l-ammonti ta' *data* meta tkun riesqa l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet. Għaldaqstant, nirrakkomandawlek tapplika ferm qabel l-iskadenza.**

## 6 OPPORTUNITAJIET INDAQS

Il-FRA tħeġġeġ lil kull persuna li tissodisfa l-kriterji ta' eliġibilità u li tkun interessata fil-pożizzjoni biex tapplika. Il-FRA hija impjegatur ta' opportunitajiet indaqs u tinkoraġġixxi applikazzjonijiet mingħajr distinzjoni abbażi ta' sess, kulur, razza, oriġini etnika jew soċjali, fatturi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew kull opinjoni oħra, sħubija f'minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabbiltà, nazzjonalità, età, orjentazzjoni sesswali jew identità sesswali.

Il-FRA tħeġġeġ lil kandidati b'diżabilità biex japplikaw. Jekk inti tqis lilek innifsek li għandek diżabilità fiżika, mentali, intellettwali jew sensorja, jekk jogħġbok immarka l-kaxxa adegwata fuq l-applikazzjoni online u indika kwalunkwe aġġustament jew arranġament li jirrelata mad-diżabilità tiegħek, sabiex il-FRA tkun tista' tiżgura l-parteċipazzjoni sħiħa u ugwali tiegħek fl-intervista.

# 7 PROĊEDURA TAL-GĦAŻLA

Kumitat tal-Għażla huwa nominat mill-Awtorità tal-Ħatra tal-Aġenzija.

L-eliġibbiltà tal-kandidati se tiġi vvalutata skont il-konformità mar-rekwiżiti formali kollha sad-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet (jekk jogħġbok ara 3.A. Kriterji ta' eliġibbiltà).

L-applikazzjonijiet tal-kandidati eliġibbli biss se jiġu evalwati skont il-kriterji tal-għażla kif speċifikat fl-avviż tal-pubblikazzjoni (ara l-punt 4). **L-Aġenzija ser tistieden għal intervista l-aqwa 8 kandidati fost dawk li mill-inqas kisbu 60%.**

Il-proċedura tal-għażla se tkun magħmula minn intervista u parti bil-miktub. Iż-żewġ partijiet ser isiru bl-Ingliż. Din ser issir fi Vjenna (l-Awstrija), fejn l-Aġenzija għandha s-sede tagħha u fejn huwa l-post tal-impjieg. F'każ li s-sitwazzjoni tal-COVID-19 ma tippermettix li l-kandidati jkollhom l-eżamijiet bil-miktub u orali tagħhom fil-bini tal-FRA, il-kandidati kollha li jintgħażlu jiġu mistiedna għat-testijiet bil-miktub u orali online. Il-kandidati magħżula se jirċievu aktar informazzjoni dettaljata fi żmien xieraq.

Il-kandidati mistiedna għal intervista sejrin jintalbu jippreżentaw, fil-ġurnata tal-intervista, kopja mhux ċertifikata tad-diploma/diplomi tagħhom u evidenza tal-esperjenza professjonali tagħhom, li tindika b'mod ċar it-tul u n-natura tal-esperjenza tagħhom u jekk ix-xogħol huwiex full time jew part time. Qabel ma jiġi ffirmat il-kuntratt, il-kandidat/i magħżul/a ser jintalbu jagħtu lil FRA kopji oriġinali jew ċertifikati tad-dokumenti rilevanti kollha li jagħtu prova tar-rekwiżiti tal-eliġibilità.

Il-kandidati magħżula ser jiġu inklużi f'lista ta' riżerva mfassla mill-Kumitat tal-Għażla. Din il-lista ta' riżerva ser tiġi proposta lill-Awtorità tal-Ħatra tal-FRA. L-awtorità tal-Ħatra ser tiddeċiedi dwar l-istabbiliment fuq il-lista' ta' riżerva. Din il-lista ta' riżerva ser tkun valida mid-data tal-istabbiliment tagħha (fis-sena "N") sal-31 ta' Diċembru tas-sena "N + 1". Il-validità tagħha tista' tiġi estiża. Il-lista ta' riżerva tista' tintuża għal reklutaġġ futur, jekk jinħolqu postijiet vakanti. Kull kandidat ser jiġi infurmat b'ittra jekk ikunx/tkunx ġie/ġiet inkluż/a fil-lista ta' riżerva. Il-kandidati għandhom jinnotaw li l-inklużjoni fuq il-lista ta' riżerva ma tiggarantixxix ir-reklutaġġ.

Abbażi tal-lista ta' riżerva adottata, l-Awtorità tal-Ħatra tal-FRA tista' toffri kuntratt ta' impjieg.

Jekk jogħġbok innota li l-ħidma tal-Kumitat tal-Għażla u d-deliberazzjonijiet huma strettament kunfidenzjali u li kwalunkwe kuntatt mal-membri tiegħu huwa strettament ipprojbit.

Minħabba l-ammont kbir ta' applikazzjonijiet, **l-Aġenzija tinfurma b'dispjaċir li l-kandidati magħżula għall-intervisti biss ser jiġu kkuntattjati.** L-applikanti huma mistiedna li jsegwu l-proċess tar-reklutaġġ fuq is-sit web tal-FRA.

EUROPEAN UNION AGENCY FOR FUNDAMENTAL RIGHTS

# 8 INGAĠĠ U KUNDIZZJONIJIET TAL-IMPJIEG

Ser jiġi offrut kuntratt ta' aġent temporanju f'konformità mal-Artikolu 2(f) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea għal perjodu indeterminat.

Il-kandidat magħżul ser jiġi reklutat fil-grad AD 6. Is-salarju bażiku fix-xahar għall-grad AD 6 (Stadju 1) huwa EUR 5,563.58. Minbarra s-salarju bażiku, **il-membri tal-persunal jistgħu jkunu intitolati għal diversi benefiċċji, b'mod partikolari benefiċċju tal-unità domestika, benefiċċju tal-espatrijazzjoni (16% tas-salarju bażiku u benefiċċju tal-unità domestika), benefiċċju tat-tfal dipendenti u benefiċċju tal-edukazzjoni**. Is-salarju huwa soġġett għal taxxa tal-Unjoni mnaqqsa mis-salarju inizjali u huwa eżentat mit-taxxa nazzjonali.

Il-FRA toffri wkoll **pakkett ta' benefiċċji** soċjali komprensiv, inkluża skema tal-pensjoni, kopertura tal-assigurazzjoni medika, kontra l-mard u inċidenti kkaġunati mix-xogħol, benefiċċji għall-qgħad u l-invalidità, u assigurazzjoni tal-ivvjaġġar;

Barra minn hekk, il-FRA toffri opportunitajiet differenti ta' **servizzi ta' tagħlim** permezz ta' ftehimiet dwar il-livell ta' servizz ma' skejjel internazzjonali u stabbilimenti ta' qabel l-iskola u introduċiet politiki dwar it-**telexogħol u l-ħinijiet flessibbli tax-xogħol** fl-isforzi tagħha biex tirrikonċilja x-xogħol u l-ħajja privata.

F'ċerti ċirkostanzi, b'mod partikolari fejn il-membri tal-persunal huma obbligati jbiddlu l-post tar-residenza tagħhom sabiex jassumu l-impjieg, l-Aġenzija tista' tirrimborsa diversi spejjeż imġarrba fir-reklutaġġ, notevolment l-ispejjeż ta' ġarr.

Għal aktar informazzjoni dwar kundizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għar-Regolamenti tal-Persunal ta' Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, li huma disponibbli fl-indirizz li ġej:

EUR-Lex - 01962R0031-20140501 - EN - EUR-Lex (europa.eu)

# 9 PROTEZZJONI TAD-*DATA*

Id-*data* personali għandha tiġi pproċessata biss għall-finijiet tal-proċedura tal-għażla.

Jekk jogħġbok kun af li l-FRA mhijiex ser trodd lura l-applikazzjonijiet lill-kandidati. L-informazzjoni personali mitluba mill-FRA mill-applikanti se tiġi pproċessata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*. Dan japplika b'mod partikolari għall-kunfidenzjalità u għas-sigurtà ta' tali *data*.

Jekk il-kandidat ikollu xi mistoqsija dwar l-ipproċessar tad-*data* personali tiegħu, għandu jindirizzaha lil: recruitment@fra.europa.eu .

Għal aktar informazzjoni fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali, jekk jogħġbok ara d-Dikjarazzjoni ta' Privatezza tal-FRA.

FRA
EUROPEAN UNION AGENCY FOR FUNDAMENTAL RIGHTS

# 10 PROĊEDURI TA' APPELL

Jekk kandidat jikkunsidra li hu/hi jkun/tkun ġie/t affettwat/a ħażin minn deċiżjoni partikolari, hu/hi jista'/tista' jippreżenta/tippreżenta lment skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u Kondizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, fl-indirizz li ġej:

**Id-Direttur**
**European Union Agency for Fundamental Rights**
**Schwarzenbergplatz 11**
**A-1040 Vienna**
**L-Awstrija**

L-ilment irid jitressaq fi żmien 3 xhur. Il-limitu taż-żmien għall-bidu ta' din it-tip ta' proċedura jibda minn meta tiġi ppubblikata t-tlestija tal-proċedura tal-għażla fuq is-Sit web fil-link li ġejja: http://fra.europa.eu/en/about-fra/recruitment/vacancies.

Jekk l-ilment jiġi rifjutat, skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, kandidat jista' jiftaħ kawża quddiem:

**The European Union Civil Service Tribunal**
**Rue du Fort Niedergruenewald**
**L-2925 Luxembourg**

Barra minn hekk, għandek il-possibbiltà li tressaq lment quddiem l-Ombudsman Ewropew skont l-Artikolu 228(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u f'konformità mal-istatut tal-Ombudsman u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni adottati mill-Ombudsman. Qabel ma l-Ombudsman ikun jista' jaċċetta lment, huwa neċessarju li l-ilment l-ewwel jiġi indirizzat lill-Aġenzija. Kwalunkwe lment lill-Ombudsman (http://www.ombudsman.europa.eu) irid isir fi żmien sentejn minn meta jirċievi l-pożizzjoni finali tal-Aġenzija dwar il-kwistjoni.